

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

P7\_TA(2014)0075

## Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea min-naħa l-waħda, u l-Groenlandja u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra \*

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2014 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea min-naħa l-waħda, u l-Groenlandja u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (12274/2013 – C7-0237/2013 – 2011/0410(CNS))

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)

(2017/C 093/46)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12274/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 203 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0237/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0054/2014),
1. Japprova l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kunsill kif emendat;
  2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinformat jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

#### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 10

*Test propost mill-Kunsill*

- (10) L-assistenza tal-Unjoni għandha tiffoka fejn ikollha l-akbar impatt, wara li tiġi kkunsidrata l-kapaċità tagħha li taġixxi fuq skala globali u twieġeb għall-isfidi globali bħall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv jew il-promozzjoni tad-demokrazija madwar id-dinja, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, l-involviment prevedibbli u fit-tul tagħha fl-għajnuna għall-iżvilupp u r-rwol tagħha fil-koordinazzjoni mal-Istati Membri tagħha.

*Emenda*

- (10) L-assistenza tal-Unjoni għandha tiffoka **fuq** fejn ikollha l-akbar impatt, wara li tiġi kkunsidrata l-kapaċità tagħha li taġixxi fuq skala globali u twieġeb għall-isfidi globali bħall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp **u t-tkabbir** sostenibbli u **inklużivi** jew il-promozzjoni tad-demokrazija madwar id-dinja, il-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, l-involviment prevedibbli u fit-tul tagħha fl-għajnuna għall-iżvilupp u r-rwol tagħha fil-koordinazzjoni mal-Istati Membri tagħha.

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

**Emenda 2**  
**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 11**

*Test propost mill-Kunsill*

- (11) Is-sħubija UE-Groenlandja għandha tipprevedi qafas li jkun jippermetti diskussjonijiet regolari dwar kwistjonijiet ta' interess għall-Unjoni jew għall-Groenlandja, bħall-kwistjonijiet globali, fejn skambju ta' fehmiet, u konverġenza possibbli ta' ideat u opinjonijiet, **jista' jkun** ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet. L-impatt dejjem jikber tat-tibdil fil-klima fuq l-attività tal-bniedem u l-ambjent, it-trasport marittimu, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, jirrikjedu djalogu u kooperazzjoni msaħħa.

*Emenda*

- (11) Is-sħubija UE-Groenlandja għandha tipprevedi qafas li jkun jippermetti diskussjonijiet regolari dwar kwistjonijiet ta' interess għall-Unjoni jew għall-Groenlandja, bħall-kwistjonijiet globali, fejn skambju ta' fehmiet, u konverġenza possibbli ta' ideat u opinjonijiet, **jistgħu jkunu** ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet. L-impatt dejjem jikber tat-tibdil fil-klima fuq l-attività tal-bniedem u l-ambjent, it-trasport marittimu, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima, kif ukoll **l-edukazzjoni**, ir-riċerka u l-innovazzjoni, **jirrikjedi** djalogu u kooperazzjoni msaħħa.

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kunsill*

- (11a) *Il-Gvern tal-Groenlandja għandu jħejji u jippreżenta Dokument ta' Pprogrammar għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Groenlandja. Id-dokument għandu jitħejja, jiġi implimentat u jiġi vvalutat abbażi ta' approċċ trasparenti u parteċipattiv.*

*Emenda*

- (11a) *Il-Gvern tal-Groenlandja għandu jħejji u jippreżenta Dokument ta' Pprogrammar għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Groenlandja. Id-dokument għandu jitħejja, jiġi implimentat u jiġi vvalutat abbażi ta' approċċ trasparenti u parteċipattiv.*

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 13**

*Test propost mill-Kunsill*

- (13) L-appoġġ finanzjarju tal-UE **għall-perjodu** 2014-2020, għandu jkun **iffukat** fuq **qasam wieħed jew massimu tnejn** ta' kooperazzjoni, li jippermettu li s-sħubija tħalli l-akbar impatt u li jippermettu li jkun hemm ekonomiji **tal-kobar**, effetti ta' sinġerija, u effikaċja u viżibbiltà akbar għall-azzjoni tal-Unjoni.

*Emenda*

- (13) L-appoġġ finanzjarju tal-UE **għall-perjodu** 2014-2020, għandu jkun **iffokat** fuq **għadd imnaqqas ta' oqsma** ta' kooperazzjoni, li jippermettu li s-sħubija tħalli l-akbar impatt u li jippermettu li jkun hemm ekonomiji **ta' skala**, effetti ta' sinerġija, u effikaċja u viżibbiltà akbar għall-azzjoni tal-Unjoni.

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

**Emenda 5**  
**Proposta għal deċiżjoni**  
**Premessa 13a (ġdida)**

Test propost mill-Kunsill

Emenda

- (13a) *Kwalunkwe kooperazzjoni fil-qasam tal-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi naturali tal-Groenlandja, b'mod partikulari l-minerali, iż-żejt u l-gass, għandha tosserva l-aktar standards eżiġenti fl-oqsma tas-sikurezza, soċjali u ambjentali u kriterji stretti fil-qasam tal-ġestjoni ambjentali b'mod li jiġi ggarantit użu sostenibbli tar-riżorsi u tiġi ppreżervata l-ekosistema prezzjuża, imma wkoll fraġli, tal-Artiku;*

**Emenda 6**  
**Proposta għal deċiżjoni**  
**Premessa 17**

Test propost mill-Kunsill

Emenda

- (17) *Id-dokumenti ta' programmar u miżuri ta' finanzjament meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skont ir-Regolament Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni<sup>(5)</sup>. Meta jittieħed kont tan-natura ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, b'mod partikulari n-natura tal-orjentazzjoni politika tagħhom jew l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom, il-proċedura ta' eżami fil-prinċipju għandha tintuża għall-adozzjoni tagħhom, ħlief għal miżuri implimentattivi tekniċi ta' skala finanzjarja żgħira.*

imħassar

<sup>(5)</sup> ĠU L 55, 28.02.2011, p. 13 – 18.

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

## Emenda 7

## Proposta għal deċiżjoni

## Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kunsill

Emenda

(17a) *Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tad-dokumenti ta' pprogrammar u l-miżuri ta' finanzjament meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

## Emenda 8

## Proposta għal deċiżjoni

## Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kunsill

Emenda

2. *Tirrikonoxxi* l-pożizzjoni ġeostrateġika tal-Groenlandja fir-Reġjun tal-Artiku, *il-kwistjonijiet ta' esplorazzjoni u użu tar-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima*, u *tiżgura* kooperazzjoni msaħħa u djalogu politiku dwar *dawn il-kwistjonijiet*.

2. *Jirrikonoxxi* l-pożizzjoni ġeostrateġika tal-Groenlandja fir-Reġjun tal-Artiku, u *jiżgura* kooperazzjoni akbar u djalogu politiku dwar *kwistjonijiet ta' interess komuni għaż-żewġ partijiet*.

## Emenda 9

## Proposta għal deċiżjoni

## Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kunsill

Emenda

— Kwistjonijiet globali bħall-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima, it-trasport marittimu, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

— Kwistjonijiet globali bħall-enerġija, it-tibdil fil-klima u l-ambjent, *il-bijodiversità*, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima, it-trasport marittimu, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

**Emenda 10****Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 2 – paragrafu 2 – inċiż 2**

Test propost mill-Kunsill

— Kwistjonijiet relatati mal-Artiku.

Emenda

— Kwistjonijiet relatati mal-Artiku, **inkluża l-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala osservatur permanenti fil-Kunsill tal-Artiku.****Emenda 11****Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kunsill

(a) Li **jkun hemm** appoġġ u kooperazzjoni mal-Groenlandja **tkun assistita** fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tagħha, b'mod partikolari d-diversifikazzjoni sostenibbli tal-ekonomija, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha, u l-ħtieġa li jitjiebu s-sistemi ta' informazzjoni tal-Groenlandja fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni. Il-kisba ta'dawn l-oġġettivi għandha titkejjel permezz tal-persentaġġ tal-bilanċ tal-kummerċ fil-PDG, il-persentaġġ tas-settur tas-sajd fl-esportazzjonijiet totali, u r-riżultati tal-indikaturi tal-istatistika fl-edukazzjoni kif ukoll indikaturi oħra meqjusa bħala adatti.

Emenda

(a) Li **jingħata** appoġġ u **jkun hemm** kooperazzjoni mal-Groenlandja fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tagħha, b'mod partikolari **l-iżvilupp u** d-diversifikazzjoni sostenibbli tal-ekonomija, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha, **inkluż ix-xjenzati** u l-ħtieġa li jitjiebu s-sistemi ta' informazzjoni tal-Groenlandja fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni. Il-kisba ta'dawn l-oġġettivi għandha titkejjel permezz tal-persentaġġ tal-bilanċ tal-kummerċ fil-PDG, il-persentaġġ tas-settur tas-sajd fl-esportazzjonijiet totali, u r-riżultati tal-indikaturi tal-istatistika fl-edukazzjoni kif ukoll indikaturi oħra meqjusa bħala adatti.

**Emenda 12****Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kunsill

(a) Li **jkun hemm** appoġġ u kooperazzjoni mal-Groenlandja **tkun assistita** fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tagħha, b'mod partikolari d-diversifikazzjoni sostenibbli tal-ekonomija, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha, u l-ħtieġa li jitjiebu s-sistemi ta' informazzjoni tal-Groenlandja fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni. Il-kisba ta'dawn l-oġġettivi għandha titkejjel permezz tal-persentaġġ tal-bilanċ tal-kummerċ fil-PDG, il-persentaġġ tas-settur tas-sajd fl-esportazzjonijiet totali, u r-riżultati tal-indikaturi tal-istatistika fl-edukazzjoni kif ukoll indikaturi oħra meqjusa bħala adatti.

Emenda

(a) Li **jingħata** appoġġ u **jkun hemm** kooperazzjoni mal-Groenlandja fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin tagħha, b'mod partikolari d-diversifikazzjoni sostenibbli tal-ekonomija, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha, **inklużi daww marbuta mal-qasam tal-estrazzjoni minn minjieri u x-xjenza**, u l-ħtieġa li jitjiebu s-sistemi ta' informazzjoni tal-Groenlandja fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni. Il-kisba ta'dawn l-oġġettivi għandha titkejjel permezz tal-persentaġġ tal-bilanċ tal-kummerċ fil-PDG, il-persentaġġ tas-settur tas-sajd fl-esportazzjonijiet totali, u r-riżultati tal-indikaturi tal-istatistika fl-edukazzjoni kif ukoll indikaturi oħra meqjusa bħala adatti.

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

## Emenda 13

## Proposta għal deċiżjoni

## Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kunsill

(c) l-enerġija, **il-klima**, l-ambjent u l-bijodiversità;

Emenda

(c) l-enerġija, **it-tibdil fil-klima**, l-ambjent u l-bijodiversità;

## Emenda 14

## Proposta għal deċiżjoni

## Artikolu 4 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kunsill

Il-PDSD għandu jkun ibbażat fuq konsultazzjonijiet u djalogu mas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u partijiet interessati oħrajn u għandu jibbaża fuq lezzjonijiet meħudin u fuq l-aħjar Prattiki, sabiex tiġi żgurata **l-appartenenza** suffiċjenti tal-PDSD.

Emenda

Il-PDSD għandu jkun ibbażat fuq konsultazzjonijiet u djalogu mas-soċjetà ċivili **tal-Groenlandja, is-sħab soċjali, il-Parlament**, l-awtoritajiet lokali u partijiet interessati oħrajn u għandu jibbaża fuq lezzjonijiet meħudin u fuq l-aħjar Prattiki, sabiex tiġi żgurata **sjieda** suffiċjenti tal-PDSD.

## Emenda 15

## Proposta għal deċiżjoni

## Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kunsill

6. Il-PDSD għandu jiġi approvat skont il-proċedura **ta' eżami prevista fl-Artikolu 9 (2)**. Din il-proċedura tapplika wkoll għal **reviżjonijiet** sostanzjali li jkollhom l-effett li jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-istrateġija jew l-ipprogrammar tagħha. Ma tapplikax għal modifiki mhux sostanzjali għall-PDSD li jagħmlu aġġustamenti tekniċi, **ir-rijallokazzjoni ta'** fondi fi ħdan l-allokazzjonijiet indikattivi għal kull qasam ta' prijorità, jew **żieda** jew **tnaqqis fid-daqs** tal-allokazzjoni indikattiva inizjali b'inqas minn 20 %, sakemm dawn il-modifiki ma jaffettwawx l-oqsma ta' prijorità u l-għanijiet stabbiliti fil-PDSD. F'dak il-każ, l-aġġustamenti jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien xahar.

Emenda

6. Il-PDSD għandu jiġi approvat **permezz ta' atti delegati** skont il-proċedura **stabbilita, rispettivament, fl-Artikoli 9a u 9b**. Din il-proċedura tapplika wkoll għal **rieżaminazzjonijiet** sostanzjali li jkollhom l-effett li jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-istrateġija jew l-ipprogrammar tagħha. Ma tapplikax għal modifiki mhux sostanzjali għall-PDSD li jagħmlu aġġustamenti tekniċi, **li jallokaw** fondi **mill-ġdid** fi ħdan l-allokazzjonijiet indikattivi għal kull qasam ta' prijorità, jew **li jżidu** jew **inaqqsu d-daqs** tal-allokazzjoni indikattiva inizjali b'inqas minn 20 %, sakemm dawn il-modifiki ma jaffettwawx l-oqsma ta' prijorità u l-għanijiet stabbiliti fil-PDSD. F'dak il-każ, l-aġġustamenti **għandhom** jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien xahar.

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

**Emenda 16****Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 7 – paragrafu 1***Test propost mill-Kunsill*

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern tal-Groenlandja u l-Gvern tad-Danimarka għandhom iwettqu reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-PDSD u l-impatt **taġġha** fuq il-Groenlandja kollha. Il-Kummissjoni għandha tassoċja l-partijiet interessati rilevanti kollha, **inklużi atturi mhux Statali u awtoritajiet lokali**.

*Emenda*

1. Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea, il-Gvern tal-Groenlandja u l-Gvern tad-Danimarka għandhom iwettqu **rieżami** ta' nofs it-terminu tal-PDSD u l-impatt **tiegħu** fuq il-Groenlandja kollha. Il-Kummissjoni għandha tassoċja l-partijiet interessati rilevanti kollha **msemmija fl-Artikolu 4(4)**.

**Emenda 17****Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)***Test propost mill-Kunsill**Emenda*

**1a.** Fil-każ li l-Gvern tal-Groenlandja jiddeċiedi li fil-PDSD jinkludi talba għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tali assistenza għandha tqis kif dovut il-ħtieġa li jingħata kontribut għall-isforzi tal-Groenlandja għat-tisħiħ tal-bini tal-kapaċitajiet f'dak il-qasam u li jiġi pprovdut appoġġ tekniku.

**Emenda 18****Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 9a (ġdid)***Test propost mill-Kunsill**Emenda***Artikolu 9a****Delega ta' setgħa lill-Kummissjoni**

**Il-Kummissjoni Ewropea għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 9b għall-approvazzjoni tal-PDSD.**

L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

**Emenda 19**  
**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 9b (ġdid)**

Test propost mill-Kunsill

Emenda

**Artikolu 9b**

**Eżerċitar tad-delega**

1. *Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*

2. *Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 9a hija mogħtija għall-perjodu ta' validità ta' din id-Deċiżjoni.*

3. *Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 9a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Kunsill. Meta l-Kunsill ikun beda proċedura interna sabiex jiddeċiedi jekk jirrevokax id-delega ta' setgħa, huwa għandu jagħmel ħiltu sabiex jinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li jindika s-setgħa delegata li tista' tkun soġġetta għar-revoka u r-raġunijiet possibbli għar-revoka. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*

4. *Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

5. *Att delegat adottat skont l-Artikolu 9b għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjona. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.*

*F'każ li biħsiebu joġġezzjona, il-Kunsill għandu jagħmel ħiltu sabiex jinforma lill-Parlament Ewropew fi żmien raġonevoli qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali, filwaqt li jindika l-att delegat li fir-rigward tiegħu biħsiebu joġġezzjona u r-raġunijiet possibbli għall-oġġezzjoni.*



L-Erbgħa 5 ta' Frar 2014

**Emenda 20**  
**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 10**

Test propost mill-Kunsill

Emenda

**Artikolu 10****imħassar****Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Groenlandja, li minn hawn 'il quddiem ser jissejjaħ "il-Kumitat". Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta fil-perjodu ta' żmien limitat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew jekk magħgoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat titlob li jsir dan.

**Emenda 21**  
**Proposta għal deċiżjoni**  
**Artikolu 11**

Test propost mill-Kunsill

Emenda

L-ammont indikattiv għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni **għall-perjodu** mill-2014 sal-2020 għandu jkun ta' EUR [217,8 miljun.]<sup>(6)</sup>

**Fid-dawl tar-relazzjoni speċjali u li ilha teżisti bejn l-UE u l-Groenlandja u l-importanza globali li qed tiżdied tal-Artiku, qed jiġi kkonfermat li se jitkompla l-impenn finanzjarju min-naħa tal-UE lejn il-Groenlandja.** L-ammont indikattiv għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni **għall-perjodu** mill-2014 sal-2020 għandu **għaldaqstant** ikun ta' EUR 217,8 miljun.

<sup>(6)</sup> L-ammonti ta' referenza kollha ser jiddaħħlu wara l-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Qafas Pluriennali (2014-2020)